31995R3050

30.12.1995 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 320/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3050/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jissospendi temporanjament id-drittijiet tat-Tariffi Doganali Komuni awtonomi fuq numru ta' prodotti maħsuba għall-kostruzzjoni, manutenzjoni u tiswija ta' l-ajruplani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-produzzjoni fil-Komunità tal-prodotti msemmija f'dan ir-Regolament fil-preżent mhix adegwata jew hija ineżistenti u l-produtturi huma għaldaqstant inkapaċi li jlaħħqu mal-ħtiġiet ta' l-industriji utenti fil-Komunità;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità li jiġu sospiżi kompletament id-drittijiet tat-Tariffi Doganali Komuni għal dawn il-prodotti;

Billi d-deċiżjoni għas-sospensjoni ta' dawn id-drittijiet awtonomi għandha tittieħed mill-Komunità;

Billi r-regolamenti li jissospendu temporanjament id-dazji awtonomi fuq l-ajruplani ma ġewx modifikati fis-sustanza matul dawn l-aħħar snin; billi, minħabba dan il-fatt, fi sforz sabiex jiġi razzjonalizzat id-dħul fis-seħħ tal-miżuri in kwistjoni, jidher xieraq li l-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament ma jkunx limitat, peress li jekk ikun hemm bżonn modifiki għall-applikazzjoni tiegħu jistgħu isiru mill-Kunsill permezz ta' regolament;

Billi d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni li jemendaw in-nomenklatura magħquda u l-Kodiċi Taric ma jinvolvux tibdiliet sustanzjali; billi, fl-interess tas-simplifikazzjoni, għandhom isiru dispożizzjonijiet li jagħtu poter lill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, li tagħmel l-emendi u l-aġġustamenti tekniċi li jkun hemm bżonn għal dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-drittijiet awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni għall-prodotti elenkati fl-Anness għandhom ikunu sospiżi totalment fejn, dment li l-prodotti msemmija huma maħsuba għall-kostruzzjoni, manutenzjoni u tiswija ta' ajruplani ta' piż (meta jkunu vojta) li jeċċedi 2 000 kilogramma. Il-kontroll ta' użu aħħari isir, konformement ma' l-Artikoli 291 sa 304 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]).

*Artikolu 2*

Aġġustamenti tekniċi li huma meħtieġa minħabba tibdiliet fin-nomenklatura konġunta tal-Kodiċi Taric għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali imwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 247 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]).

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jkunu ser jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'perjodu ta' żmien li jistabbilixxi l-president skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni

([1]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1762/95 (ĠU L 171, tal-21.7.1995, p. 8).

([2]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar permezz ta' l-Att ta' Sħubija ta' l-1994.

għandha tingħata permezz tal-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat tal-KE fil-każ ta' Deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom ikollhom is-saħħa skond kif stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li japplikaw b'mod immedjat. Madanakolu, jekk dawn il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom jiġu komunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddiferixxi t-tħaddim tal-miżuri li tkun iddeċidiet dwarhom għal perjodu ta' tliet xhur mid-data ta' din il-komunikazzjoni.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu ta' ħin imsemmi fis-subparagrafu ta' qabel.

3. Il-komitat jista' jeżamina kull mistoqsija dwar l-applikozzjoni ta' dam ir-Regolament li tiġi mqajjma mill-president sew minn jeddu kif ukoll wara talba ta' Stat Membru.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1995.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ATIENZA SERNA

*L-ANNESS*

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 3813 | | Preparazzjonijiet u mili ta' l-estinturi tan-nar; estinturi tan-nar mimlija: |
| | ex 3813 00 00 | Preparazzjonijiet u mili ta' l-estinturi tan-nar ta' l-intestatura Nru 8424 |
| 3819 | | Fluwidi idrawliċi tal-brejkijiet u likwidi oħra preparati għat-trasmissjoni idrawlika, li jkollhom jew ma jkollhomx inqas minn 70 % ta' piż ta' żjut mhux raffinati jew żjut minn minerali bitumenużi: |
| | ex 3819 00 00 | — Bbażati fuq ester tas-silika jew tal-fosforu |
| 3901 | | Polymei ta' l-etilene, fil-forom primarji: |
| | ex 3901 30 00 | — Kopolimeri ta' l-aċetat ta' l-*Ethylene-vinyl*, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3901 90 00 | — Oħrajn, għall-mili tal-kavitajiet |
| 3902 | | Polimeri tal-propilene jew olefini oħra, fil-forom primarji: |
| | ex 3902 30 00 | — Kopolimeri tal-propilene, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3902 90 00 | — Oħrajn għall-mili tal-kavitajiet |
| 3904 | | Polimeri tal-klorat tal-vinilju jew olefini ħaloġenati oħra, fil-forom primarji: |
| | ex 3904 10 00 | — Klorat tal-polivinilju, mhux imħallat ma' ebda sustanza oħra, fi frak |
| | ex 3904 21 00 | — Klorat tal-polivinilju ieħor, mhux plastiċizzat, fi frak |
| | ex 3904 22 00 | — Klorat tal-polivinilju ieħor, plastiċizzat, fi frak |
| | ex 3904 40 00 | — Kopolimeri tal-klorat tal-vinilju oħra, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3904 50 00 | — Kopolimeri tal-klorat tal-vinilju, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3904 69 00 | — Floropolimeri oħra, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3904 90 00 | — Oħrajn għall-mili tal-kavitajiet |
| 3905 | | Polimeri tal-vinilju aċetat jew ta' ester tal-vinilju oħra, fil-forom primarji; polimeri tal-vinilju oħra fil-forom primarji: |
| | ex 3905 19 00 | — Kopolimeri tal-vinilju aċetat, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3905 29 00<br>ex 3905 91 00<br>ex 3905 99 00 | — Oħrajn għall-mili tal-kavitajiet |
| 3911 | | Resina taż-żejt mhux raffinat, resini *coumarone-indene*, politerpeni, polisolfati, polisufoni u prodotti speċifiċkati fin-nota 3 ta' dan il-kapitolu, mhux inklużi u speċifikati f'postijiet oħrajn, fil-forom primarji: |
| | ex 3911 10 00 | — Resini taż-żejt mhux raffinat, *coumarone*, l-indene jew resini *coumarone-indene* u l-politerpeni, għall-mili tal-kavitajiet |
| | ex 3911 90 90 | — Oħrajn għall-mili tal-kavitajiet |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 3916 | | Monofilamenti li tagħhom kull dimensjoni minn naħa sa oħra taqbeż 1 mm, vireg, bsaten u forom ta' profil sew jekk maħdumin fil-wiċċ u sew jekk le iżda mhux maħdumin mod ieħor, tal-plastika: |
| | 3916 10 00 | — Ta' polimeri jew l-etilene |
| | 3916 20 10 | — Ta' klorur tal-polimeri |
| | 3916 20 90 | — Ta' polimeri oħra tal-klorur tal-vinilju |
| | 3916 90 51 | — Ta' polimeri tal-propilene |
| | 3916 90 59 | — Ta' prodotti ta' polimerizzazzjoni adizzjonali oħra |
| 3917 | | Tubi, pajpijiet u manki, u mezzi għalhekk (per eżempju konġunti, minkbejn u ħnieġ), jew plastika: |
| | | Tubi, pajpijiet u manki, riġidi: |
| | | Ta' polimeri ta' l-etilene: |
| | 3917 21 10 | — F'biċċa waħda u ta' tul li jaqbeż id-daqs massimu minn naħa sa oħra, kemm jekk maħdum fil-wiċċ u sew jekk le, iżda mhux maħdum b'xi mod ieħor |
| | 3917 21 99 | — Oħrajn |
| | | Ta' polimeri tal-propilene: |
| | 3917 22 10 | — F'biċċa waħda u ta' tul li jaqbeż id-daqs massimu minn naħa sa oħra, kemm jekk maħdum fil-wiċċ u sew jekk le, iżda mhux maħdum mod ieħor |
| | 3917 22 99 | — Oħrajn |
| | | Ta' polimeri tal-klorur tal-vinilju: |
| | 3917 23 10 | — F'biċċa waħda u ta' tul li jaqbeż id-daqs massimu minn naħa sa oħra, kemm jekk maħdum fil-wiċċ u sew jekk le, iżda mhux maħdum mod ieħor |
| | 3917 23 99 | —— Ohrajn |
| | | Ta' prodotti tal-polimerizzazjoni addizzjonali: |
| | 3917 29 15 | — F'biċċa waħda u ta' tul li jaqbeż id-daqs massimu minn naħa sa oħra, kemm jekk maħdum fil-wiċċ u sew jekk le, iżda mhux maħdum mod ieħor |
| | 3917 29 99 | — Oħrajn |
| | | Tubi flessibbli, pajpijiet u manki: |
| | 3917 31 90 | — Oħrajn |
| | 3917 32 31 | — Ta' polimeri ta' l-etilene |
| | 3917 32 35 | — Ta' polimeri tal-klorur tal-vinilju |
| | 3917 32 39 | — Ta' prodotti tal-polimerizzazzjoni addizzjonali oħra |
| | 3917 39 15 | — Ta' prodotti ta' polimerizzazzjoni addizzjonali |
| 3918 | Il-kodiċi kollha | Koperturi ta' l-art tal-plastik, f'rombli jew fil-forma maduma; ħajt jew saqaf b'koperturi tal-plastik, kif imfisser fin-nota 9 ta' dan il-kapitolu |
| 3919 | | Pjanċi, folji, tertuqa, *foil*, biċċiet tat-*tape* u forom ċatti oħra, ta' plastik sew jekk f'rombli u sew jekk le: |
| | | F'rombli ta' ħxuna ta' mhux aktar minn 20ċm: |
| | 3919 10 61 | — Ta' klorur tal-polivinilju plastiċizzat jew tal-poletilene |
| | 3919 10 69 | — Ta' prodotti ta' polimerizzazzjoni addizzjoanli oħra |
| | | Oħrajn: |
| | 3919 90 61 | — Ta' klorur tal-polivinilju plastiċizzat jew tal-poletilene |
| | 3919 90 69 | — Ta' prodotti ta' polimerizzazzjoni adizzjonali oħra |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 3920 | | Pjanċi oħra, folji, tertuqa, *foil*, strixxi ta' *tape* tal-plastiċi, mhux ċellulari u mhux rinforzat, laminat, sostnut jew kombinat b'mod simili ma' materjali oħra: |
| | | Ta' polimeri ta' l-etilene: |
| | | Ta' ħxuna li ma taqbiżx 0,125 mm: |
| | | Ta' poletilene ta' gravità speċifika ta': |
| | 3920 10 22 | — Inqas minn 0,94: |
| | 3920 10 28 | — 0,94 jew aktar |
| | 3920 10 40 | — Oħrajn |
| | 3920 10 80 | Ta' polimeri ta' l-etilene ta' ħxuna li taqbeż 0,125 mm |
| | | Ta' polimeri tal-propilene: |
| | | Ta' ħxuna li ma taqbiżx 0,10 mm: |
| | 3920 20 21 | — Orjentati skond żewġ assi |
| | 3920 20 29 | — Oħrajn |
| | | Ta' ħxuna li taqbeż 0,10 mm: |
| | 3920 20 90 | — Oħrajn |
| | ex 3920 30 00 | — Ta' stirene akrilonitirile butadiene |
| | | Ta' polimeri tal-klorur tal-vinilju, riġidi: |
| | 3920 41 11 | — Mhux plastiċizzati, ta' ħxuna li ma taqbiżx 1 mm |
| | 3920 41 19 | — Mhux plastiċizzati, ta' ħxuna li taqbeż 1 mm |
| | 3920 41 91 | — Plastiċizzati, ta' ħxuna li ma taqbiżx 1 mm |
| | 3920 41 99 | — Plastiċizzati, ta' ħxuna li taqbeż 1 mm |
| | | Ta' polimeri tal-klorur tal-vinilju, flessibbli: |
| | 3920 42 11 | — Mhux plastiċizzati, ta' ħxuna li ma taqbiżx 1 mm |
| | 3920 42 19 | — Mhux plastiċizzati, ta' ħxuna ta' iżjed minn 1 mm |
| | 3920 42 91 | — Plastiċizzat, ta' ħxuna li ma taqbiżx 1 mm |
| | 3920 42 99 | — Plastiċizzat, ta' ħxuna li taqbeż 1 mm |
| | | Ta' forom ta' plastika oħra: |
| | 3920 91 00 | — Ta' bitiral tal-polivinilju |
| | 3920 99 50 | — Ta' prodotti ta' polimerizzazjoni adizzjonali oħra |
| 3921 | | Pjanċi, folji, tertuqa, *foil*, strixxi tat-*tape* ta' forom differenti ta' plastik: |
| | | Ċellulari: |
| | ex 3921 11 00 | — Ta' stirene akrolintirili butadiene |
| | 3921 12 00 | — Ta' polimeri tal-klorur tal-vinilju |
| | 3921 19 90 | — Ta' forom ta' plastika oħra: |
| | | Mhux ċellulari: |
| | 3921 90 60 | — Ta' prodotti ta' polimerizzazzjoni adizzjonali oħra |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 6815 | | Oġġetti magħmula mill-ġebla jew minn sustanzi minerali oħra (inklużi fibri tal-karbonju, oġġetti tal-fibra tal-karbonju u artikli tal-peat), mhux speċifikat jew inkluż post ieħor: |
| | ex 6815 10 90 | — Filtri, *washers* u artikli oħra magħmula mill-karbonju agglometat jew mill-grafit |
| 7019 | | Fibri tal-ħġieġ (inkluż is-suf tal-ħġieġ) u l-oġġetti magħmulin minnhom (per eżempju ħajt ta’ l-insiġ, il-materjal minsuġ): |
| | ex 7019 31 00 | — Tapiti ta’ kapaċità ta’ assorbiment ta’ l-umdità baxxa |
| | ex 7019 32 00 | — Folji rqaq (*voiles*) ta’ kapaċità ta’ assorbiment ta’ l-umdità baxxa |
| | ex 7019 39 10 | — Tavli u prodotti simili mhux minsuġa ta’ kapaċità ta’assorbiment ta’ l-umdità baxxa, mgħottija bil-karti jew metall |
| | ex 7019 39 90 | — Tavli oħrajn u prodotti simili mhux minsuġa ta’ kapaċità ta’ assorbiment ta’ l-umdità baxxa, |
| 7304 | | Tubi, pajpijiet u profili vojta, mingħajr konġunzjonijiet, tal-ħadid (minbarra l-ħadid fondut) jew azzar: |
| | ex 7304 31 91<br>ex 7304 39 91<br>ex 7304 41 90<br>ex 7304 49 91<br>ex 7304 51 19<br>ex 7304 51 91<br>ex 7304 59 31<br>ex 7304 59 39<br>ex 7304 59 91<br>ex 7304 90 90 | — Tubi u pajpijiet, lesti biex jitwaħħlu, li jistgħu jintużaw bħala kondotti idrawliċi jew bħala kondotti għaż-żejt karburanti jew għal-lubrikanti |
| 7306 | | Tubi oħra, pajpijiet u profili vojta (per eżempju, b’konġunzjoni miftuħa jew iwweldjati, invitati jew magħluq b’mod simili), ta’ ħadid jew azzar: |
| | ex 7306 30 21<br>ex 7306 30 29<br>ex 7306 30 71<br>ex 7306 30 78<br>ex 7306 40 91<br>ex 7306 40 99<br>ex 7306 50 91<br>ex 7306 50 99<br>ex 7306 60 90<br>ex 7306 90 00 | — Tubi u pajpijiet, lesti biex jitwaħħlu, li jistgħu jintużaw bħala kondotti idrawliċi għal żejt karburanti jew għal-lubrikanti |
| 7307 | Il-kodiċi kollha bl-eċċezzjoni ta’ 7307 11 10 sa 7307 19 90 | Tubi jew aċċessorji għall-pajpijiet (per eżempju tastieri, manki, kmiem, jew ħadid (minbarra l-ħadid fondut) jew azzar |
| 7311 | | Konteni turi għall-kompressjoni tal-gass likwifikat, tal-ħadid u l-azzar |
| | ex 7311 00 10 | — Mingħajr konġunzjoni, tal-ħadid (minbarra l-ħadid fondut) jew azzar, ta’ pressurizzazzjoni |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 7318 | | Ganċijiet, boltijiet, skorfini, viti *coach*, viti tal-*hooks*, *rivets*, *cotters*, *cotter-pins*, *washers* (li jinkludu *spring washers*) u artikli simili, għall-ħadid jew azzar: |
| | | Oġġetti bil-kamin: |
| | 7318 12 10 | — Viti ta' l-injam, ta' l-i *stainless steel* |
| | 7318 12 90 | — Viti ta' l-injam oħra |
| | 7318 13 00 | — Ganċijiet viti u viti anelli |
| | 7318 14 10 | — Viti *self-tapping* ta' l-i *stainless steel* |
| | 7318 14 91 | — Viti bil-kamin wiesa' |
| | 7318 14 99 | — Oħrajn |
| | ex 7318 15 10<br>ex 7318 15 30 | — Viti oħra u boltijiet, kemm dawk bl-iskorfini u l-*washers* tagħhom u kemm dawk mingħajrhom, minbarra l-boltijiet *self-locking* u skorfini (tat-tip *"Hi-lok"*) |
| | ex 7318 16 10 | — Skorfini, minbarra dawk *self-locking* (tat-tip *"Hi-lok"*) |
| | 7318 19 00 | — Oħrajn |
| | ex 7318 21 00 | Oġġetti mhux meħjuta |
| 7320 | Il-kodiċi kollha | Molol u folji għall-molol, tal-ħadid jew ta' l-azzar |
| 7325 | | Oġġetti oħra magħmula mill-ħadid u l-azzar: |
| | ex 7325 99 99 | — Għenuq, manki u apparat ieħor għall-iffissar, il-konġunzjonijiet, it-twaħħil b'morsa u tbegħid ta' l-oġġetti minn xulxin |
| | | — Apparat għall-ħażna tal-merkanzija u l-iffissar |
| | | — Blalen użati fis-sistemi ta' tagħbija tal-merkanzija |
| 7326 | | Oġġetti oħra tal-ħadid u l-azzar: |
| | ex 7326 90 91<br>ex 7326 90 93<br>ex 7326 90 95 | |
| | ex 7326 90 97 | — Għenuq, manki u apparat ieħor għat-twaħħil, il-konġunzjoni, it-twaħħil b'morsa u t-begħid ta' l-oġġetti minn xulxin |
| | | — Apparat għall-ħażna tal-merkanzija u l-iffissar |
| | | — Blalen użati fis-sistemi ta' tagħbija tal-merkanzija |
| 7604 | | Pjanċi ta' l-aluminjum, folji u strixxi. |
| | ex 7604 10 90<br>ex 7604 29 90 | — Profili li għandhom numru ta' manifattura speċifiku |
| | ex 7604 10 90<br>ex 7604 29 90 | — Profili ta' għamla konika għar-rinfurzar tat-tmun tal-ġnub |
| 7606 | Il-kodiċi kollha bl-eċċezzjoni ta' 7606 12 10 | Pjanċi ta' l-aluminjumm, folji u strixxi, ta' ħxuna li taqbeż 0,2 mm: |
| | | — Pjanċi li għandhom numru ta' manifattura speċifiku |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 7608 | | Tubi u pajpijiet ta' l-aluminjumm: |
| | ex 7608 10 90<br>ex 7608 20 30<br>ex 7608 20 99 | — Tubi u pajpijiet, lesti biex jitwaħħlu, li jistgħu jintużaw bħala kondotti idrawliċi jew bħala kondotti għaż-żejt karburanti jew għal-lubrikanti |
| 7609 | 7609 00 00 | Aċċessorji għat-tubi u l-pajpijiet ta' l-aluminjumm (per eżempju, manki, minkbejn u kmiem) |
| 7613 | ex 7613 00 00 | Fliexken ta' l-aluminjum għall-infiħ tal-kaskati ta' l-emerġenza |
| 7616 | | Oġġetti oħra magħmula mill-aluminjum: |
| | ex 7616 10 00 | — Msiemer, taċċi, fiminelli (minbarra dawk tat-titolu Nru 8305), viti, boltijiet, skorfini, ganċijiet bil-vit, l-imsiemer irbattuti, il-*cotter-pins*, *washers* u oġġetti simili, minbarra l-boltijiet u skorfini *self-locking* (tat-tip *"Hi-lok"*) |
| | ex 7616 99 10<br>ex 7616 99 90 | — Għenuq, manki u oġġetti oħra għall-iffisar, il-konġunzjonijiet it-twaħħil b'morsa u tbegħid ta' l-oġġetti minn xulxin |
| | ex 7616 99 10<br>ex 7616 99 90 | — Apparat ta' "Bdil malajr" għat-trasformazzjoni ta' l-ajruplan tal-passiġġieri għall-ajruplani tat-trasport tal-merkanzija u viċe versa |
| | ex 7616 99 90 | — Pjanċi u folji ta' ħxuna varjata, miksuba permezz tal-laminazzjoni, ta' wisa' ta' 1 200 mm jew aktar |
| 8108 | | Titanju u oġġetti magħmula minnu, inkluż l-iskart u l-fdal tal-brix: |
| | ex 8108 90 70 | — Tubi magħmula minn materjal irqiq, lesti għall-użu fis-sistemi ta' ventilazzjoni ta' l-arja kondizzjonata |
| | ex 8108 90 90 | — Boltijiet, skorfini, viti, imsimier irbattuti u oġġetti simili li jikkonformaw ma' l-i *standards* ta' l-Istati Uniti, minbarra l-boltijiet u l-skorfini *self-tapping* (tat-tip *"Hi-lok"*) |
| 8308 | | Ganċijiet ta' l-għeluq, kwadri bil-ganċijiet ta' l-għeluq, ganċijiet ta' l-għeluq bil-bokkli, għajnejn tal-ganċijiet, għajnejn żgħar, u oġġetti simili, ta' bażi tal-metall, tat-tip użati għall-ħwejjeġ, żraben, tined, basktijiet, oġġetti ta' l-ivvjaġġar jew oġġetti oħra, l-imsimier irbattuti tubulari jew bifurkati, magħmula minn metall ta' valur baxx; żibeġ u antaċċoli magħmula minn metall ta' valur baxx: |
| | 8308 20 00 | — Tubulari ta' msiemer irbattuti bifurkati |
| 8418 | | Refriġaturi, *freezers* u apparat ta' refriġerazzjoni jew friża oħra, elettriku jew mod ieħor, pompi tas-sħana minbarra l-apparat ta' l-arja kondizzjonata ta' l-intestatura Nru 8415: |
| | 8418 99 10 | — Jevapora u jikkondensa, minbarra dawk għar-refriġiraturi domestiċi |
| | ex 8418 99 90 | — Partijiet ta' apparat ta' refriġerazzjoni addattati għas-sistema ta' l-arja kondizzjonata |
| 8421 | | Ċentrifugi, inklużi in-nixxiefa ċentrifugi; il-makkinarju u l-apparat ta' tisfija u purifikazzjoni, għal-likwidi jew il-gassijiet: |
| | 8421 99 00 | — Partijiet mill-makkinarju jew apparat ta' tisfija jew purifikazzjoni, għall-likwidi jew għall-gassijiet: |
| 8424 | | Apparat mekkaniku (sew jekk jaħdmu bis-sħana u sew jekk le) għall-proġettazzjoni, id-diffużjoni jew l-isprejjar ta' likwidi jew trab; għat-tifi tan-nar, kemm jekk *charges*; *spray-guns* u apparat simili; makni tal-fwar jew tas-*sand-blasting* u makni simili li jagħmlu użu mill-ġettijiet: |
| | ex 8424 90 00 | — Partijiet tal-*fire-extinguishers* |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 8431 | | Partijiet tajbin biss għall-użu uniku jew prinċipali mal-magni ta' l-intestatura Nri 8425 sa 8430: |
| | ex 8431 10 00 | — Partijiet ta' *jacks* |
| | ex 8431 31 00<br>ex 8431 39 90<br>ex 8431 49 20<br>ex 8431 49 80 | — Partijiet ta' apparat għall-iffissar permanenti fl-ajruplani u użati għat-tagħbija, il-ħatt u l-istivar tal-merkanzija |
| 8473 | | Partijiet u aċċessorji (minbarra l-għotjien, kaxxi ta' trasport u ħwejjeġ simili) adatti għall-użu uniku jew prinċipali mal-makni ta' l-intestatura Nri 8469-8472: |
| | ex 8473 30 10<br>ex 8473 30 90 | — Partijiet b'aċċessorji għall-kompjuters ta' l intestatura Nru 8471 li jiffurmaw parti mill-istrumenti ta' navigazzjoni jew apparat tal-Kapitolu 90, użati esklussivament biex isiru l-kalkoli addattati għal strumenti jew apparat ta' dan it-tip |
| 8481 | Il-kodiċi kollha bl-eċċezzjoni ta'<br>8481 80 31<br>sa<br>8481 80 61<br>8481 80 71 | Viti ta' l-ilma, valvoli u apparat simili għall-pajpijiet, oqsfa tal-*boilers*, tankijiet, btieti jew oġġetti simili, inklużi l-valvoli li jnaqqsu l-pressa u valvoli kontrollati termostatikament: |
| 8485 | | Partijiet ta' makkinarju, li ma jkunx fih konnetturi elettriċi, insulaturi, *coils*, kuntatti jew karatteristiċi elettriċi oħra, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor f'dan il-kapitolu: |
| | 8485 90 10 | — Partijiet tal-makkinarji oħra |
| 8501 | | Muturi elettriċi u ġeneraturi (minbarra s-settijiet ta' ġeneraturi): |
| | 8501 10 10 | — Muturi sinkroniċi ta' produzzjoni ta' mhux aktar minn 18 W |
| | 8501 10 91<br>8501 10 93<br>8501 10 99<br>ex 8501 20 90<br>ex 8501 31 90<br>ex 8501 33 90<br>ex 8501 40 91<br>ex 8501 40 99<br>ex 8501 51 90<br>ex 8501 53 92<br>8501 53 94<br>8501 53 99 | — Muturi oħra ta' produzzjoni ta' 750 W jew anqas jew ta' produzzjoni li taqbeż il-150 kW |
| 8503 | Il-kodiċi kollha | Partijiet addattati għall-użu uniku jew prinċipali ma' magni ta' l-intestatura Nri 8501 jew 8502 |
| 8504 | | Transformers elettriċi, konvertituri statiċi (per eżempju rettifikaturi) u indutturi |
| | 8504 90 11<br>8504 90 19<br>8504 90 90 | — Partijiet ta' transformers, konvertituri statiċi u indutturi |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 8505 | Il-Kodiċi kollha | Kalamiti elettriċi, kalamiti permanenti u artikli intenzjonati sabiex jinbidlu f'kalamiti permanenti wara l-manjetizzazzjoni; kalamiti elettriċi jew ċokki magħmula minn kalamiti permanenti, morsi u apparat ta' rbit simili, ganċijiet elettromanjetiċi; *clutches* u brejkijiet; apparat ta' rfigħ magħmul mill-kalamiti elettriċi |
| 8511 | | Apparat ta' injezzjoni jew startjar bl-elettriku tat-tip użat għall-makni b'kombustjoni interna b'injezzjoni bi *spark* jew injezzjoni bil-kompressjoni (per eżempju, manjeti ta' injezzjoni, *dinamos* bil-manjeti, *coils* ta' injezzjoni, *sparking plugs* u *glow plugs*, muturi ta' l-istartjar); ġeneraturi (per eżempju, *dinamos*, alternaturi) u biċċiet tat-tip użat flimkien ma' makni ta' dan it-tip: |
| | 8511 90 00 | — Partijiet |
| 8516 | | *Heaters* ta' l-ilma elettriċi istantanji jew ta' ħażna u l-*heaters* ta' l-immersjoni, apparat elettriku li jsaħħan l-ambjent u tat-tisħin tal-ħamrija, apparat elettrotermiku għall-parrukkiera (per eżempju, apparat li jnixxef ix-xagħar, apparat li jagħmel in-nokkli fix-xagħar, u apparat li jsaħħan ix-xagħar biex jifforma) apparat li jnixxef l-idejn; ħadid tal-mogħdija ta' l-elettriku; aċċessorji oħra *electro-thermic* użati għal għanijiet domestiċi; resisturi elettriċi tas-sħana, minbarra dawk tat-titolu Nru 8548: |
| | ex 8516 90 00 | — Partijiet minn *heaters* għall-ajruplani u għall-uċuħ tal-ġwienaħ, immuntati fuq l-ajruplani bl-iskrejjen |
| 8518 | | Mikrofoni u appoġġi għalihom, *loudspeakers*, sew jekk immuntati fuq ġewwa; *headphones*, *earphones* u setttijiet ta' mikrofoni/*speakers* konġunti; amplifikaturi elettriċi ta' l-awdjofrekwenza; settijiet ta' amplifikaturi tal-ħoss elettriċi: |
| | 8518 90 00 | — Partijiet |
| 8519 | | *Turntables (record-decks)*, *record-players*, *casette-players* u apparat ieħor li jirriproduċi l-ħoss, li ma jinkorporax apparat ta' rekordjar tal-ħoss |
| | ex 8519 93 81<br>ex 8519 93 89<br>ex 8519 99 90 | — Riprodutturi tal-mużika u annunċaturi awtomatiċi |
| 8521 | | Apparat tar-reġistrazzjoni jew riproduzzjoni tal-*video*, sew jekk jinkorpora *video tuner* u sew jekk le: |
| | ex 8521 90 00 | — Apparat li jirrekordja jew jirripproduċi l-*video*, minbarra dawk magħmula minn strixxi manjetiċi |
| 8522 | | Partijiet u aċċessorji addattati għall-użu uniku jew prinċipali ma' l-apparat ta' l-intestatura 8519 sa 8521: |
| | ex 8522 90 91<br>ex 8522 90 98 | — Partijiet u aċċessorji ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni tal-vuċi tal-*cockpit* |
| | ex 8522 90 91<br>ex 8522 90 98 | — Partijiet u aċċessorji għall-apparat ta' riproduzzjoni mużikali u annunċaturi awtomatiċi |
| 8528 | | Apparat ta' riċezzjoni tat-televiżjoni, sew jekk jinkorpora riċevituri tat-trasmissjoni bir-radju jew apparat ta' reġistrazzjoni jew riproduzzjoni tal-ħoss jew tal-*video*, *monitors* tal-*video* u video *projectors*: |
| | ex 8528 30 10 | — *Video projector* li jikkonsisti fi tliet tubi katodiċi, kull wieħed b'lenti |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 8529 | | Partijiet addattati għall-użu uniku jew prinċipali ma' apparat tat-titolu Nri 8525 sa 8528: |
| | ex 8529 90 70<br>ex 8529 90 81<br>ex 8529 90 89 | — Oħrajn:<br>ta' trasmettituri riċevituri minbarra r-radju VHF, trasmettituri riċevituri ta' komunikazzjoni li jikkonformaw ma' l-*istandard* ARINC 566A, u sistemi ta' interkomunikazzjoni abbord li jikkonformaw ma l-i *standard* ARINC 306 jew 412<br>ta' riċevituri minbarra l-apparat ta' xandir bir-radju jew televiżjoni u riċevituri għal apparat ta' telefonati selettivi (SELCAL) konformi ma' l-i *standard* ARINC 531 jew 596<br>Oħrajn, minbarra riċevituri għas-sistemi ta' navigazzjoni bir-radju OMEGA skonformi ma' l-i *standards* ARINC 580 jew 599 |
| 8531 | | Apparat ta' ħoss elettroniku u sinjalar li jidher (per eżempju, qniepen, sireni, panelli t'indikazzjoni, alarms li juru nar u serq), iktar minn dawk tat-titolu Nru 8512 jew 8530: |
| | 8531 90 10<br>8531 90 90 | — Partijiet |
| 8532 | Il-kodiċi kollha | *Capacitors* elettriċi, imwaħħla, varjabbli u aġġustabbli (issettjati minn qabel) |
| 8533 | Il-Kodiċi kollha | *Resistors* elettriċi (inklużi ir-*rheostats* u l-*potentimeters*), minbarra r-*resistors* ta' tisħin |
| 8534 | Il-kodiċi kollha | Iċ-ċirkwiti stampati |
| 8535 | Il-kodiċi kollha | Apparat elettriku għas-*switching* jew il-protezzjoni taċ-ċirkwiti elettroniċi, jew sabiex isiru konnessjonijiet ma' jew ġewwa ċirkwiti elettroniċi (per eżempju, *switches, fuses,* kalamiti tas-sajjetti, limitaturi tal-vultaġġ, *surge suppressors,* plakek, kaxxi ta' konġunzjoni, għal vultaġġ li jaqbeż 1 000 V |
| 8536 | Il-kodiċi kollha | Apparat elettriku ta' *switching* jew protezzjoni taċ-ċirkwiti elettriċi, jew biex isiru konnessjonijiet ma' jew ġewwa ċirkwiti elettriċi (per eżempju, *switches, fuses,* kalamiti tas-sajjetti, limitaturi tal-vultaġġ, *surge suppressors,* plakek, kaxxi ta' konġunzjoni), għall-vultaġġ li jaqbeż 1 000 V |
| 8537 | Il-kodiċi kollha | Tavli, panelli, mensuli, bankijiet, kabinetti u bażijiet oħra, mgħammra bi tnejn jew aktar mill-apparat tat-titolu Nru 8535 jew 8536, għall-kontroll elettriku jew id-distribuzzjoni ta' l-elettriku, inklużi dawk li jinkorporaw l-istrumenti jew l-apparat tal-Kapitolu 90, u apparat ta' kontroll numeriku, minbarra l-apparat ta' *switching* ta' l-intestatura Nru 8517 |
| 8538 | Il-kodiċi kollha | Partijiet addattati għall-użu uniku jew prinċipali ma' l-apparat ta' l-intestatura Nri 8535 jew 8537 |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 8539 | | Lampi bil-filament elettriku jew *discharge lamps*, inklużi l-lampi bir-raġġi mgħottija u ultravjoletti jew *infra-red*; *arc-lamps* |
| | ex 8539 21 92<br>ex 8539 21 98<br>ex 8539 22 10<br>ex 8539 22 90<br>ex 8539 29 92<br>ex 8539 29 98 | — Lampi tal-filament għad-dawl |
| | ex 8539 31 10<br>ex 8539 31 90<br>ex 8539 32 90<br>ex 8539 39 00 | — *Discharge lamps* u tubi għad-dawl, inklużi l-lampi u t-tubi doppji |
| 8540 | Kodiċi kollha | Valvoli u tubi termijoniċi, bil-katodu kiesaħ jew patokatodiċi (per eżempju, valvijiet u tubi mimlija bil-*vacuum* jew fwar jew gass, valvoli u tubi ta' retifikazzjoni bl-arkata tal-merkurju, tubi katoiċi, tubi tal-kamera tat-televiżjoni) |
| 8541 | | Diodi, transisturi u semikondutturi simili; apparat fotosensittiv semikonduttur, inklużi iċ-ċelloli fotovoltajiċi sew jekk assemblati f'moduli jew magħmula f'panelli u sew jekk le; diodi li jiġġeneraw id-dawl; kristalli *piezo* elettriċi mmuntati: |
| | 8541 40 91 | — Ċelloli solari sew jekk assemblati f'moduli jew magħmulin f'pannelli u sew jekk le |
| | 8541 40 93 | — Fotodiodi, fototransituri, *photothyristors* u fotokoppji |
| | 8541 40 99 | — Apparat ta' semikondituri sensittiv ieħor, minbarra d-diodi li jiġġeneraw id-dawl |
| | 8541 60 00 | — Kristalli *piezo* — elettriċi mmuntati |
| 8543 | | Makni u apparat elettriċi, li jkollhom funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu: |
| | ex 8543 89 90 | — Indikaturi tal-pressa tal-makni |
| 8548 | | Skart u fdalijiet ta' ċellolli primarji, batteriji primarji akkumulaturi elettriċi; ċellolli primarji mitfija, batteriji primarji mitfija u akkumulaturi elettriċi mitfija; partijiet eletriċi ta' makkinarju jew apparat, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu. |
| | 8548 90 00 | — Oħrajn |
| 9007 | | *Cameras* u *projectors* ċinematografiċi, kemm jew jinkorporaw apparat għar-reġistrazzjoni tal-ħoss jew apparat ta' riproduzzjoni: |
| | 9007 20 00 | — *Projectors* |
| | 9007 92 00 | — Partijiet u aċċessorji għall-*projectors* |

| Il-kodiċi HS | Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 9015 | | Stħarriġ (li jinkludi l-istħarriġ fotogrammetriku), strumenti u għodda idrografiċi, oċeanografiċi, idroloġiċi, meterjoloġiċi jew ġeofiżiċi, minbarra l-kumpassi; ir-*rangefinders*: |
| | 9015 10 10 | — *Rangefinders* elettroniċi |
| | 9015 10 90 | — *Rangefinders* oħra |
| | ex 9015 80 11 | — Strumenti u apparat meterjoloġiku elettroniku |
| | ex 9015 80 93 | — Strumenti u apparat meterjoloġiku mhux elettroniċi u *rangefinders* |
| | ex 9015 90 00 | — Partijiet minn strumenti meterjoloġiċi u *rangefinders* |
| 9020 | | Apparat ieħor tan-nifs u maskli tal-gas, minbarra maskli protettivi li ma jkollhomx partijiet mekkaniċi u lanqas filtri li jinbidlu: |
| | ex 9020 00 90 | — Partijiet ta' strumenti tan-nifs u maskli tal-gas |
| 9107 | | *Switches* tal-ħin, bl-arloġġ jew ċaqliq ta' l-arloġġ ta' l-idejn jew b'mutur sinkronuż: |
| | ex 9107 00 00 | — *Switches* tal-ħin, b'arloġġ jew ċaqliq ta' arloġġ ta' l-idejn, użat fis-sistemi awtomatiċi |
| 9110 | | Movimenti ta' l-arloġġ jew arloġġ ta' l-idejn kompluti, mhux assemblati jew parzjalment assemblati (settijiet ta' movimenti); movimenti ta' l-arloġġ ta' l-idejn jew ta' l-arloġġ mhux kompluti, assemblati; movimenti ta' l-arloġġ jew ta' l-arloġġ ta' l-idejn goffi: |
| | ex 9110 12 00<br>ex 9110 90 00 | — Movimenti ta' l-arloġġ jew ta' l-arloġġ ta' l-idejn mhux kompluti, assemblati, użat fis-sistemi awtomatiċi |
| 9114 | Il-kodiċi kollha | Partijiet ta' l-arloġġi jew ta' l-arloġġi ta' l-idejn oħra |
| 9401 | | Siġġijiet (minbarra dawk ta' l-intestatura Nru 9402), sew jekk konvertibbli f'sodod u sew jekk le, u partijiet tagħhom: |
| | ex 9401 10 90 | — Siġġijiet koperti bil-ġilda, iddisinjati apposta għall-ekwipaġġ |
| | ex 9401 90 10 | — Partijiet ta' siggijiet iddisinjati apposta għall-ekwipaġġ |